MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 16/2008

**Bernard Briffa**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta’ Novembru, 2008 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**L-Arbitru,
>
> Ra s-sentenza ta’ l-erbgha (4) ta' Mejju 2006 in konnessjoni ma’ l-appell fuq indikat.
>
> Peress illi jidher li l-Art. 102 (1) Kap 318 gie sorvelat indebitament it-talba tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali ghal rikonsiderazzjoni ghandha tigi

> milqugha. L-appellant huwa ordnat li jirrifondi s-somma mitluba lilu mhallsa indebitament.”

Minn din is-sentenza r-rikorrenti Bernard Briffa appella lil din il-Qorti b’dan l-aggravju. L-Arbitru ma setax jirrevedi d-decizjoni ta’ l-14 ta’ Mejju, 2006 stante li ma kienet tezisti l-ebda wahda mic-cirkustanzi kkontemplati mill-Artikolu 110 ta’ l-Att dwar is-Sigurta` Socjali;

Ghall-kronologija, l-inkartament tal-kaz quddiem l-Arbitru hu traccjat b’dan il-perkors:-

(1) B’ittra tal-25 ta’ Novembru, 2005 r-rikorrenti appella quddiem l-Arbitru bil-gravam kontestanti d-decizjoni tad-Direttur ghar-rifuzjoni tas-somma moghtija lilu f’Ghajnuna ghal Disimpieg ghall-perijodu mill-21 ta’ Dicembru, 2001 sat-8 ta’ Novembru, 2002;

(2) Bid-decizjoni taghha ta’ l-4 ta’ Mejju, 2006 l-Arbitru laqghet dak l-appell devolut lilha u rrevokat id-decizjoni tad-Direttur bil-motivazzjoni li l-appellanti ma kellux ibati l-konsegwenzi ta’ l-izball perpetrat mid-Dipartiment;

(3) Fil-5 ta’ Gunju, 2006 d-Direttur introduca talba lill-Arbitru biex din tirrikonsidra l-kaz *ex novo* u dan ghab-bazi tal-punt ta’ ligi a norma ta’ l-Artikolu 102 (1) tal-Kapitolu 318;

(4) ‘Il fuq minn sentejn wara, permezz ta’ Arbitru divers minn dak li ppronunzja d-decizjoni, dik it-talba ta’ rikonsiderazzjoni giet akkolta fuq il-konsiderazzjoni illi l-Artikolu 102 (1) kien gie f’dik is-sentenza “indebitament sorvolat”;

Minghajr ezistazzjoni ta’ xejn din il-Qorti ma tistax ma ticcensurax il-mod legger u superficjali li bih l-Arbitru l-gdid affronta dik it-talba tad-Direttur ghar-rikonsiderazzjoni. Dan qed jigi rilevat, u hekk sottolinejat ukoll, in kwantu

huwa ferm evidenti illi l-Arbitru ghazel li jiehu *short cut* minghajr ebda konsiderazzjoni ta’ dak li tistatwixxi l-ligi fl-Artikolu 110 in meritu ghar-revizjoni tad-decizjonijiet;

Fil-previzjoni tal-precitat Artikolu 110, li, certament, ma huwiex xi forma ta’ appell, decizjoni, sija jekk moghtija mid-Direttur jew mill-Arbitru, tista’ tigi riveduta fil-kazijiet tassattivi f’dan l-artikolu prevvisti. Jigifieri, jekk ikun sodisfatt illi:-

(a) tkun nghatat billi ma kienx maghruf xi fatt materjali jew illi d-decizjoni tkun bazata fuq zball dwar xi fatt materjali;

jew (b) mid-data tad-decizjoni sar xi tibdil rilevanti fic-cirkustanzi;

Evidentement, fil-kaz in ispecje b’dik it-talba tieghu ghal rikonsiderazzjoni d-Direttur ma ddeduca l-ebda skoperta ta’ xi fatt materjali kif kontemplat fl-ewwel parti ta’ subparagrafu (a), u lanqas is-sopravenjenza ta’ xi tibdil rilevanti fit-termini tas-subparagrafu (b). Isegwi, illi l-uniku indagini li kellu jaghmel l-Arbitru f’dan il-kaz kellu jkun ristrett ghall-ezami jekk minn dak sottomess lilu mid-Direttur, it-talba kienetx annoverata taht it-tieni parti tas-subparagrafu (a), ossija li d-decizjoni kienet bazata fuq zball dwar xi fatt materjali;

Korrettement intiz, l-izball ta’ fatt materjali kkontemplat mil-ligi jippresupponi l-kuntrast bejn zewg rapprezentazzjonijiet diversi ta’ l-istess oggett emergenti, il-wahda mis-sentenza nnifisha, u l-ohra mill-atti processwali. Jikkonsegwi, illi d-Direttur htieglu juri illi dak l-izball ta’ fatt deciziv kien jikkonsisti fl-affermazzjoni jew supposizzjoni ta’ l-ezistenza, jew ta’ l-inezistenza, ta’ fatt li l-verita` tieghu tirrizulta ghal kuntrarju eskluza jew accertata mill-atti;

Dejjem fuq din it-tema jrid jinghad illi ma huwiex ammissibbli r-rimedju tar-rikonsiderazzjoni jekk l-izball ta’

fatt li fuqu l-Arbitru ma ppronunzjax ruhu ma jkunx wiehed essenzjali u deciziv. Biex ikun xort'ohra, jrid jintwera illi bejn il-percezzjoni erroneja mill-Arbitru u l-pronuncjament tieghu jissussisti rapport kawzali tali li minghajr dak l-izball id-decizjoni kienet tkun diversa;

Fiz-zgur, imbaghad, ir-rimedju ma huwiex konfigurabbli fl-ipotesi ta' nuqqas ta' applikazzjoni ta' xi disposizzjoni tal-ligi applikabbli ghal kaz konkret. Tali, infatti, ma jidholx fil-previzjoni ta' l-Artikolu 110 u jekk, allura, talvolta kien hemm mill-Arbitru percezzjoni zbaljata tad-disposizzjoni kontemplanti r-rilevanza guridika tal-fatt dan, se mai, jintegra l-estrem ta' zball ta' dritt, u mhux ukoll zball ta' fatt materjali;

Mill-premess, kellu jkun bil-bosta ovvju ghall-Arbitru illi dak pretiz mid-Direttur, bir-riferenza espressa li jaghmel ghad-dispost ta' l-Artikolu 102 (1) ta' l-Att, kien effettivament jikkonsisti minn raffigurazzjoni ta' zball ta' dritt applikabbli ghal fatt u mhux "zball dwar xi fatt materjali" [Artikolu 110 (a)] deciziv, positivament accertat, jew inkontestabilment eskluz, mill-atti;

Jinzel minn dan illi d-decizjoni ta' l-Arbitru hi ghal kollox errata u ghandha titwarrab.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu fic-cirkustanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------